# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 3**

**Rikors numru 596/16 LSO**

**Leonard u Natasha konjuġi Azzopardi**

**v.**

**Mario u Denise konjuġi Azzopardi u għal kull interess li jista' jkollhom Melita Limited (C-12715)**

Preliminari:

1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti l-konjuġi Mario u Denise Azzopardi mis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2019 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex:

(i) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet ta' Melita Ltd u lliberat lill-istess Melita Ltd mill-osservanza tal-ġudizzju; u

(ii) tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha f'dik il-parti fejn laqgħet it-talbiet kollha tal-appellati atturi, kif dedotti minnhom fir-rikors promutur, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi appellati.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qiegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors mahluf ta' Natasha Azzopardi (ID 317982M) datat 19 ta' Lulju 2016 fejn bil-gurament taghha kkonfermat:-
>
> "Illi l-atturi joqghodu fil-fond 12, Leonat, Triq San Guzepp, Kirkop waqt li l-Konvenuti Mario u Denise Azzopardi joqghodu fuqhom fil-fond 6, God Bless, Triq San Guzepp, Kirkop.
>
> "Illi l-atturi ilhom fil-pussess esklussiv ta' *wire* li jghaddi minn fuq il-bejt li qieghed fuq il-blokka li fiha hemm id-dar tal-atturi. Dan il-*wire* iwassal is-servizz tal-Melita fid-dar tal-atturi;
>
> "Illi fit-12 ta' Gunju 2016 u zgur mhux aktar minn xahrejn qabel il-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat, il-konvenuti jew min minnhom b'mod klandestin u vjolenti qatghu l-istess *wire* u tefghuh bicca fil-bitha u bicca fix-*shaft* tal-atturi - kif jidher fir-ritratti annessi bhala Dok A1 - A4. B'hekk ukoll il-konvenut cahhad lill-atturi mill-uzu li huma kellhom tal-istess *wire* biex iwassal is-servizz tal-Melita lill-atturi;
>
> "Illi dan il-fatt jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tal-atturi;
>
> "Illi biex jerga' jigi komunikat dan il-*wire* li kien ilu fil-post circa hdax il-sena, jinhtieg li jingiebu l-haddiema tal-Melita u jinhtieg ukoll li jsir hlas biex jigi ripristinat is-servizz;
>
> "Illi l-intenzjoni tal-konvenuti hija li jcahhdu lill-atturi mill-pussess ta' dan il-*wire* u mis-servizz tal-Melita li kienu igawdu ghal dawn l-ahhar hdax-il sena;
>
> "Illi b'hekk il-konvenuti jew min minnhom ikkomettew spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tal-atturi;

"Illi biex jinqdew l-atturi kellhom jaghmlu xoghlijiet ohra biex jghaddu l-*wire* minn post iehor - b'hekk huma inkorrew danni.

"Illi intepellati b'ittra bonarja datata 21 ta' Gunju 2016 (DokB) biex jirrippristinaw kollox u jispurgaw l-ispoll, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

"Ghaldaqstant l-atturi jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :

"1. Tiddikjara li l-konvenuti wettqu spoll klandestin u vjolenti meta qatghu l-*wire* tal-Melita Cable plc minn fuq il-bejt fuq imsemmi u meta ghalhekk cahhdu lill-attturi mill-uzu tal-istess *wire* biex iwassal is-servizz tal-Melita Cable lill-atturi;

"2. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex a spejjez taghhom fi zmien qasir u perentorju fissat minn din il-Qorti u *occorrendo* taht id-direzzjoni ta' perit nominandi jirripristinaw kollox ghall-istat attwali tieghu u partikolarment jergghu jsewwu l-*wire* li qatghu jew jirripristinawh u anke billi jqabbdu lill-haddiema tal-Melita Limited u a spejjez taghhom jergghu jaghmlu dak mehtieg biex l-atturi jergghu ikollhom is-servizz ta' *cable* li kellhom qabel ma gie maqtugh dan il-*wire* u dan permezz ta' *wire* fl-istess post fejn kien dak maqtugh;

"3. Fin-nuqqas li jaghmlu dan, tawtorizza lill-atturi biex jaghmlu x-xoghol huma ossia wkoll bis-servizzi provduti mill-haddiema ta' Melita Limited u dan a spejjez tal-konvenuti u jekk hemm bzonn taht supervizjoni u ordni tal-istess Perit appuntat mill-Qorti u jekk mehtieg bl-intervent ta' Marixxall u Pulizija kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra datata 21 ta' Gunju 2016 u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi.

"Il-konvenuti ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

"Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2016.

"Rat ir-risposta guramentata ta' Mario Azzopardi (ID: 7277M) u Denise Azzopardi (ID: 113079M) datata 12 ta' Awwissu 2016 a fol 16 tal-process fejn bir-rispett u l-istess Mario Azzopardi (ID: 7277M) bil-gurament tieghu kkonferma:-

"1. Illi preliminarjament in-nullita` tar-rikors promotur, *stante* li dak notifikat lill-esponenti ma jidhirx li huwa guramentat kif titlob il-ligi;

"2. Illi preliminarjarnent ukoll l-azzjoni odjerna ma tistax tirnexxi l'ghaliex l-attrici Natasha Azzopardi m'ghandhiex l-interess guridiku mehtieg u tant dan huwa minnu li lanqas tiffigura fl-ittra anness bhala Dok. B mar-rikors promotur;

“3. Illi preliminarjament ukoll l-esponenti Denise Azzopardi ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li hija ma hijiex sid il-fond li minnu suppost kien ghaddej il-*wire* in kwistjoni, hekk kif jidher minn Dok. DA, hawn anness u *stante* li lanqas ma saret l-allegazzjoni ta’ spoll fil-konfront taghha fl-ittra annessa bhala Dok. B mar-rikors promotur;

“4. Illi preliminarjament ukoll l-atturi ghandhom jippruvaw li x-xahrejn rikjesti *ad validitatem* tal-*actio spoll infra bimestre deduxisse* ma kienx ghaddew sad-data li fiha intavolaw il-kawza;

“5. Illi fil-mertu, l-atturi ma jgawdu l-ebda pussess jew detenzjoni sufficjenti *(possedisse)* ghall-azzjoni ta' spoll peress li l-*wire* in kwistjoni kien temporanju bil-permess tal-esponenti u ghalhekk kien jinsab hemm biss *b'mera tolleranza;*

“6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienu l-atturi stess li tterminaw l-uzu tal-*wire* in kwistjoni meta installaw *wire* gdid li jghaddi direttament fil-fond tal-attur Leonard Azzopardi, u fi kwalsiasi kaz, il-*wire* in kwistjoni ma kellu ebda uzu, funzjoni jew servizz ghaddej minnu u ghalhekk jinkombi fuq l-atturi li jresqu l-prova tal-uzu u l-funzjoni tal-imsemmi *wire* dakinhar li suppost sar l-ispoll;

“7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jippruvaw li in fatti l-uzu u l-pusses tal-*wire* in kwistjoni kien taghhom u mhux tas-socjeta` konvenuta l-ohra Melita Limited.

“8. Illi fil-kumplament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kollha;

“9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-ligi.

“Rat ir-risposta guramentata ta' Melita Limited (C 12715) ("Melita") datata 22 ta’ Awwissu 2016 a fol 23 tal-process fejn l-Av Stephanie Zarb, detentrici tal-karta tal-identita' numru 337287(M) bhala rapprezentant tal-Melita Limited, bil-gurament taghha kkonferma s-segwenti:

“1. Minn l-att fattwali, is-socjeta' Melita la tista' tikkonferma u lanqas tista' tirribatti l-fatti esposti fir-rikors odjern. Dan qed jinghad minhabba li l-Melita fl-ebda stadju ma kienet involuta f’dan il-kaz u lanqas ghandha tiddahhal intortament bhala konvenut fi kwistjonijiet li jikkoncernaw biss dawn iz-zewgt girien, filwaqt li ssofri spejjez inutili;

“2. Ghalkemm fir-rikors odjern, ir-rikorrenti ndirizzaw it-talbiet taghhom lejn il-konvenuti kollha, u allura nkluz ukoll fil-konfront tal-Melita, ir-rikors odjern huwa, fis-sustanza tieghu, ilment tar-rikorrenti kontra l-allegata hsara li huma qed jghidu li sofrew minhabba azzjonijiet u/jew ommissjonijiet tal-konvenuti Mario u Denise konjugi Azzopardi.

Daqstant iehor allura, it-talbiet tar-rikorrenti huma (u kellhom ukoll jigu) indirizzati lejn l-istess konjugi Mario u Denise Azzopardi. Kif diga' gie sottomess, il-Melita ma ghandha xejn x'tasqsam ma' l-okkorrenza ta' dawn il-kwistjonijiet u allura l-gudizzju huwa integru minghajr il-presenza taghha;

"3. Gnaldaqstant, *in linea* preliminari, is-socjeta' Melita teccepixxi l-improponibilta` tal-azzjoni odjerna kif intavolata mir-rikorrenti (li erronjament irreferew ghaliha bhala "Melita Cable plc") fil-konfront taghha, u dan ghaliex is-socjeta' Melita mhix legittimu kuntradittur f'din il-kwistjoni. *In vista* ta' dan, l-esponenti ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju;

"4. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz;

"5. Bl-ispejjez.

"Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tal-Hamis, 18 ta' Ottubru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet: Dr Raymond Zammit, Dr Johnaton Abela u Dr Sharon Xuereb, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2019 fid-9:30a.m.

"Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

"**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

"Illi din l-azzjoni hija wahda ta' spoll fejn ir-rikorrenti qeghdin jallegaw li l-*wire* li jwassal is-servizz tal-Melita fid-dar taghhom, li kien ghaddej minn fuq il-bejt tal-intimati, allegatament gie maqtugh, u konsegwentement is-servizz li kienu jgawdu twaqqfilhom. L-intimati laqghu preliminarjament billi eccepew in-nullita` tar-rikors, li Natasha Azzopardi m'ghandhiex l-interess guridiku mehtieg, tant li lanqas tiffigura fl-ittra Dok B, u li Denise Azzopardi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li hi mhijiex is-sid tal-fond minn fejn kien ghaddej il-*wire* in kwistjoni. Inoltre, gie eccepit, li r-rikorrenti iridu jippruvaw li x-xahrejn rikjesti mil-ligi ghal din l-azzjoni ma kinux ghaddew sad-data tal-prezentata ta' dan il-kaz. Inoltre`, gie sostnut fil-mertu, li r-rikorrenti ma kellhom l-ebda pussess jew detenzjoni tal-*wire* in kwistjoni peress li kien hemm biss b'mera tolleranza tal-intimati, u l-uzu ta' dan il-*wire* kien gie tterminat tant li r-rikorrenti ghaddew *wire* iehor mill-fond taghhom. Melita Limited eccepiet, li ma kienet involuta fl-ebda stadju fit-tilwima bejn iz-zewg girien, illi b'hekk il-gudizzju huwa integru minghajr il-presenza ta' Melita Limited, kwindi gie sostnut li Melita mhijiex il-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni.

"**<u>Fatti:</u>**

“Ir-rikorrenti jirrisjedu fil-fond 12, Leonat, Triq San Guzepp Kirkop. L-intimati jirrisjedu fil-fond sovrastanti 6, Godbless, Triq San Guzepp, Kirkop. Ir-rikorrenti kellhom is-servizz tal-Melita permezz ta' *wire* li kien ghaddej minn fuq il-bejt tal-intimati, li gie maqtugh. Konsegwentement, ir-rikorrenti regghu ghaddew *wire* mill-fond taghhom, u sar “rerouting” sabiex il-*wire* rega’ gie konness mal-*mainbox* tal-Melita u jigi ripristinat is-servizz . In segwitu, r-rikorrenti pprocedew bil-kaz odjern.

“**Provi:**

“**Leonard Azzopardi** xehed permezz ta’ affidavit (fol 28-29) u spjega li fit-12 ta’ Gunju 2016, fil-bitha taghhom kien hemm hafna qtar taz-zebgha, kienu baghtu messagg lill-intimata Denise Azzopardi fejn infurmatu li mhumiex iwaqqghu zebgha. Izda sussegwentement, qal li l-mara kienet ghamlet rapport l-ghassa taz-Zurrieq u s-Surgent kien kellem lil Denise Azzopardi bit-telefon. Illi wara dakinhar, innota li t-*television* tieghu kien qed juri sinjal hazin u li kien inqatghalu s-servizz tat-tv, telefon u *internet*, ghalhekk isssuspetta li kien inqata’ l-*wire* tal-Melita minn fuq il-bejt izda huma ma kellhomx access ghall-bejt biex imorru jiccekjaw. Semma li jafu lit-*technician* tal-Melita personalment, Mark Balzan, u meta kkuntatjawh qalilhom, li jehtieg li jitilghu jiccekjaw fuq il-bejt, izda rrisponda li minhabba s-sitwazzjoni taghhom ma’ Azzopardi, dan ma kienx possibbli. Ghalhekk, talbuh biex jghaddu *wire* temporanju mill-fond taghhom, sabiex ikollhom is-servizz lura tal-Melita immedjatament. Fil-fatt, ikkonferma li hu stess kien ghadda l-*wire* madwar il-fond tieghu, u l-ghada kien gie t-technician Mark Balzan, li qabbad is-servizz bic- ‘cherry picker’. Semma li fil-15 ta’ Gunju 2016, cemplitlu martu u nfurmatu li fil-bitha kien hemm *wire* maqtugh u mwaddab ghal isfel, u l-istess haga gox-*shaft*, kien hemm il-*wire* bil-kamin mahlul, kif jidher fir-ritratti esebiti. Semma wkoll, li l-intimata Denise Azzopardi tahdem mal-Melita.

“In **kontro-ezami** qal (fol 83-90)[1] li s-servizz tal-Melita kien ilu ghandu u li s-servizz kien ghaddej minn fuq il-bejt tal-intimat. Qal li wara li giet il-mara tieghu mill-Ghassa taz-Zurrieq it-*television* gie *b’no signal’*. Hu kkonferma li kien kellem lil Marco Balzan personalment, izda qabel kienu kellmu lill-‘customer care’. Peress li ma talabx li jitilghu jiccekjaw il-*wire* ta’ fuq il-bejt, hu talab li jkollu s-servizz temporanjament, ghax kellu jghaddi l-*wire* minn fuq il-granit mill-fond tieghu, ghalhekk hu jrid is-servizz kif kien qabel minn fuq il-bejt. Qal li huh l-intimat, qata’ l-*wire*, kebbu u waddbu ghal isfel. Qal li dak il-*wire* li nqata’ minnu kienu jiehdu biex jircievu s-servizz tal-Melita. Spjega li l-*wire* kien inqata’ l-Hadd u hu t-Tnejn rega’ talab ghas-servizz, u meta dahhal is-servizz, l-Erbgha, huh, l-intimat qata’ l-*wire* u waddbu ghall-gol-bitha.

“**Natasha Azzopardi** xehdet permezz ta’ affidavit (fol 30-31) fejn qalet li nnutat fit-12 ta’ Gunju 2016 li kellha l-oggetti fil-bitha taghha mcappsin bit-tikek taz-zebgha, b’hekk baghtu messagg lil Denise Azzopardi dwar

[1] Seduta tat-28 ta’ Novembru 2017.

dan izda meta komplew biz-zebgha u bit-tikek taz-zebgha, hi cemplet l-Ghassa, u saqsiha kinitx kellmithom u hi wiegbet li kienu ilhom ma jitkellmu xi hames snin. Ghalhekk saqsiha tmur l-Ghassa taz-Zurrieq fejn ghamlet rapport u kienet talbet lis-Surgent PS 1227 ikellimhom bil-kelma t-tajba li kien kellimhom fuq it-telefon. Sussegwentement, indunat li t-*television* kien qed juri '*bad signal'*, u wara verifiki, b'kuntatt mal-Melita, giet infurmata li mhux jidhol *signal* fil-'modem', izda huma ma setghux jitilghu jiccekkjaw fuq il-bejt. Ziedet tghid, li jafu lit-*technician* fiz-zona taghhom personalment, li hu Mark Balzan. Huma talbu lit-*technician*, jghaddu l-*wires* huma mill-fond taghhom, hu jigi jqabbad is-servizz l-ghada, minhabba l-fatt li ma setghux jghaddu l-*wire*s minn fuq il-bejt. Ghalhekk, qalet li issa l-*wire*s ghaddejjin minn barra madwar id-dar taghha. Qalet li f'dik l-istess gimgha fil-15 ta' Gunju 2016, indunat li fil-bitha interna kien hemm *wire* maqtugh u l-istess haga gox-*shaft*. Semmiet ukoll li Denise Azzopardi tahdem mal-Melita.

"Hi xehdet ulterjorment (fol 39) u qalet li fil-kuntratt datat 29 ta' Jannar 2002, ipprezentat fl-atti, il-fond terran taghhom ghandu d-dritt li jistalla servizzi fuq l-fond tal-intimati inkluz servizzi ta' telekomunikazzjoni flimkien mad-dritt ta' access ghall-installar u manutenzjoni. Hi esebiet ukoll erba' ritratti.

"**In kontro-ezami** qalet (fol 115-116)[2] li hi qed tallega li l-intimati qatghu l-*wire* u mhux il-Melita ghax l-intimati kienu fuq il-bejt dakinhar, izda hi qablet li l-bejt minn gol-fond taghha ma tistax tarah.

"**Dr. Stephanie Zarb** in rapprezentanza tal-Melita xehdet (fol 92 a-e)[3] u qalet li Natasha Azzopardi ilha abbonata mill-2010, fit-3 ta' Novembru 2015, ghamlu 'entertainment pack' u 'flexy bundle' fis-16 ta' Novembru 2017. Semmiet li s-servizz fiss tat-*television* jinsab fuq il-fond Triq San Guzepp, 12, Kirkop. Hi kkjarifikat li s-servizz ma gie qatt skonnettjat, il-kuntratt baqa' ghaddej, kien hemm biss telefonata fit-12 ta' Gunju 2016 ghax kellhom problema bis-servizz. Qalet id-dettalji ta' dik it-telefonata, izda kien ser jinbidel minn fejn jghaddu l-*wire*s, izda mhux servizz gdid. Hi esebiet ukoll Dok SZ1, l-ordni li l-Melita taw lill-*installer* datat 13 ta' Gunju 2016, u sal-lum, jidher li f'din ir-residenza ghad ghandhom servizz.

"**In kontro-ezami** qalet, li l-intimata hi impjegata tal-Melita. Mistoqsija dwar it-telefonata tat-12 ta' Gunju u dak li sar wara, qalet, li r-rikjesta tal-klijenti kienet ghal "rerouting", izda ma jidhirx li hemm imnizzel x'kienet ir-raguni tal-waqfien fis-servizz. Qalet li f'dan il-kaz ma kienx hemm *charge* ghar-"rerouting".

"**Marco Balzan** xehed (fol 92f - 92l)[4] u qal, li hu *technician* mal-Melita u l-installazzjoni li tidher f'Dok SZ1 hu ghamilha. Spjega li l-ordni tal-Melita kienet li jaghmel "rerouting" tas-sistema. Qal li kienet ikkuntatjatu

[2] Seduta tat-3 ta' Mejju 2018.
[3] Seduta tas-6 ta' Frar 2018.
[4] Seduta tas-6 ta' Frar 2018.

Natasha Azzopardi l-Hadd 12 ta' Gunju, ghax xi drabi kien diga hadmilhom, kienu jafuh, u tahom il-*cable* dakinhar, izda hu ma marx fuq is-sit. Meta l-ghada mar biex jaghmel il-*connection*, ma rax kienx hemm *wire*s maqtughin, kemm mar kemm ghamel "rerouting" tal-*installation*, u qabbad il-*connection* mal-*mainbox* tal-Melita. Qal li l-istallazzjoni originali tar-rikorrenti ma kienx ghamilha hu, u dakinhar li mar it-Tnejn 13 ta' Gunju ma uzax il-bejt u ma marx fuq il-bejt.

"**Denise Azzopardi** xehdet permezz ta' affidavit (fol 96-99) u qalet li fl-14 ta' Gunju 2016 telghet fuq il-bejt tad-dar, u nnutat li l-*wire* tal-Melita tar-rikorrenti ma kienx qed jaghti ghat-'tap box' tal-Melita, u b'hekk skonnetjat il-*wire* li ma kienx imqabbad. Spjegat li l-problemi bejnhom u r-rikorrenti skalaw ghall-habta tas-27 ta' Jannar 2016, meta kienet sabet *technician* tal-Melita fit-terrazzin u l-bejt taghha minhabba s-servizz tar-rikorrenti, peress li hi ma kintix tathom permess. Hi kkonfermat li fit-12 ta' Gunju kienet irceviet sms minghand ir-rikorrenti biex ma twaqqax zebgha, izda mhuwiex minnu li hi kienet qed twaqqa' z-zebgha. Ziedet tghid li dakinhar stess irceviet telefonata minghand il-Pulziija li kien kellimha biex tarmi tinda u ma twaqqax zebgha. Qalet li hi tahdem mal-Melita u taf x'inhuma l-proceduri, u fl-ebda hin ma qatghet *wire*s li kienu konnessi.

"**Mario Azzopardi** kkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' martu Denise Azzopardi.

"**In kontro-ezami** qal (fol 118-119)[5] li fuq il-bejt tieghu hadd ma jista' jaqbez minn fuq xi bejt iehor ghal fuq il-bejt tieghu. Qal li jista' jitqieghed sellum minn gol-bitha, gholi ta' zewg sulari biex wiehed jitla' ghal fuq il-bejt. Qal li meta hu tela' fuq il-bejt il-*wire* tal-Melita tar-rikorrenti, sabu maqtugh u mhux imqabbad ghal imkien. Mistoqsi jekk ir-rikorrent telax fuq il-bejt taghhom xi drabi qal, li hu le, izda xi *technicians* iva.

"**<u>Rapport tal-Perit Alan Saliba</u>**

"B'digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Mejju, gie nominat il-Perit Alan Saliba bhala perit arkitett (fol 44) u r-rapport tieghu jinsab esebit a fol 51 *et sequ*ens tal-process.

"Illi l-Perit Tekniku acceda fuq is-sit in kwistjoni, fejn ikkonstata s-segwenti;

"- Irrizulta li l-intimati biss ghandhom access ghall-bejt minn tarag intern.

"- Dehru l-*clips* fuq l-opramorta tal-bejt tal-intimati, tad-daqs simili ghal dak tal-*wire* tal-Melita.

[5] Seduta tal-14 ta' Gunju 2018.

"- Il-*wire* fil-bitha tar-rikorrenti (maqtugh mit-tarf tieghu twil madwar 5.3 metri, meta l-gholi mill-opramorta sal-punt fejn dan jidhol fil-hajt hu 4.7 metri).

"- Il-*wire* fix-*shaft* tar-rikorrenti (b'*socket* fit-tarf twil 7.3 metri meta l-gholi mill-opramorta sal-punt fejn dan il-*wire* jidhol fil-hajt hu 7 metri).

"**Konkluzjonijiet:**

"Hu kkonkluda li jirrizulta li nhar it-12 ta' Gunju 2016, ir-rikorrenti nqatghalhom is-servizz tal-Melita. Gie konkjuz li jirrizulta wkoll inkontestat li fil-15 ta' Gunju 2016, l-intimat nehha l-*wire*s li kienu jaghtu s-servizz tal-Melita lir-rikorrenti ghal dawn l-ahhar hdax-il sena minn fuq il-bejt tieghu, u tefaghhom fil-bitha u fix-*shaft* tar-rikorrenti, li kienu diga maqtugha minn barra fil-15 ta' Gunju 2016.

"Illi l-Perit Tekniku kkonkluda li ghad irid jigi stabbilit mix-xhieda tal-impjegati Melita Ltd. jekk dakinhar li gie ripristinat is-servizz fit-13 ta' Gunju 2016, kienx hemm is-servizz fuq barra, jew kienx hemm biss il-*wire*s fuq l-opramorta minghajr servizz.

"Illi r-rikorrenti ghandhom is-servizz tal-Melita fil-prezent u l-*wire*s ghaddejin minn gewwa l-mezzanin taghhom. Illi s-servizz kif kien qabel, minn fuq l-opramorta tal-bejt jista' jigi ripristinat biss mill-intimata Melita Limited wara applikazzjoni appozita mir-rikorrenti.

"**<u>L-ewwel eccezzjoni tal-intimati – In-nullita` tar-rikors promotur *stante* li dak notifikat ma jidhirx li hu guramentat kif rikjest mil-Ligi.</u>**

"Illi jibda biex jinghad, li r-rikors promotur gie debitament mahluf, skont il-Ligi, kif jirrizulta mill-verbal datat 4 ta' Ottubru 2016 (fol 26). Ghalhekk, din l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimati hija bla bazi u mhijiex gustifikata. Konsegwentement, din il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati Azzopardi.

"**<u>It-tieni eccezzjoni tal-intimati: Nuqqas ta' interess guridiku ta' Natasha Azzopardi:</u>**

"Illi gie eccepit li Natasha Azzopardi m'ghandhiex l-interess guridiku necessarju, tant li lanqas tiffigura fl-ittra annessa bhala Dok B mar-rikors promotur.

"Ikkonsidrat li l-kuncett tal-interess guridiku hu mibni fuq l-utilita' finali tal-azzjoni ghal min qed jipproponi l-azzjoni.

"Illi kif intqal fis-sentenza "**J Muscat et vs R Buttigieg et**" (27 ta' Marzu 1990 – Vol LXXIV.iii.481):

"*L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotezi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."* Dan l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun *"konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir".*[6] Inoltre l-interess irid ikun attwali ("**Martin Portelli vs Eliza Company Limited**", Prim Awla (1035/06/JRM) – 18 ta' Mejju 2017) u jibqa' jsehh matul iz-zmien kollu li l-kawza tkun miexja.

"Illi meta l-Qorti tigi biex tqis din l-eccezzjoni trid izzom quddiemha l-ghamla ta' kawza li ghandha quddiemha. L-azzjoni hija wahda ta' spoll u huwa f'dan id-dawl li l-kwistjoni tal-interess tal-attur trid titkejjel.

"Fil-kaz in ezami irrizulta li ghalkemm fil-kuntratt ta' akkwist tal-fond tar-rikorrenti jidher biss Leonard Azzopardi, martu tghix mieghu fl-istess fond u kwindi l-pussess/detenzjoni ghal fini tat-talbiet odjerni qed jigi vantat minnha wkoll.

"Hija mmaterjali li l-ittra interpellatorja (Dok B) inbaghtet biss mill-attur billi dan ma jostax ghall-interess ta' martu biex tmexxi din l-azzjoni li hija mmirata ghar-ripristinar ta' pussess u mhux ta' xi dritt petitorju.

"**Ghaldaqstant, dan premess qed tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati.**

"**<u>It-tielet eccezzjoni tal-intimati: Denise Azzopardi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.</u>**

"Illi gie eccepit ukoll li Denise Azzopardi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li hija mhijiex sid tal-fond li minnu suppost kien ghaddej il-*wire* in kwistjoni, kif jidher minn Dok DA anness mar-risposta, u peress li ma saret l-ebda allegazzjoni ta' spoll fil-konfront taghha fl-ittra annessa Dok B.

"Jinghad fl-ewwel lok, huwa relevanti hafna dak ritenut fil-gurisprudenza nostrana. *"Il-kawza odjerna hija wahda ta' natura possessorja, li hija msejsa fuq iz-zamma ta' ordni pubbliku, u z-zamma tal-partijiet fl-istat li kienu qabel ma sar l-ghemil li allegatament naqqas jew nehha l-pussess. Minbarra hekk, il-litis consortio tas-sidien kollha fil-kawza promossa hija mehtiega fejn l-azzjoni tkun mahsuba ghat-thassir jew tibdil ta' stat guridiku wiehed".* (Ara **Vincent Agius pro et noe vs Mario Borg** P.A. (PS) - 28 ta' Marzu 2003; **Josef Sapiano et**

[6] Ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Tonna vs Vincent Grixti**", (Kollezz. Vol LXXV1.iii.592) li jiccita **Brockdorff v Pace Balzan -**Vol.XVII.P.III p.15.

**vs Doreen Baldacchino noe**, P.A. (1113/2011JRM) – 12 ta' Gunju 2012).

"Inoltre kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Dimitry Orlov et vs Edward Pavia proprio et nomine,** deċiża fl-14 ta' Jannar 2002): "*Kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, l-actio spolii toriġina ex delicto fuq fatt illeċitu. Kull min jikkonkorri fil-kommissjoni ta' l-illeċitu kien azzjonabbli u dana personalment. Kien għalhekk illi s-soċjetà kienet azzjonabbli tramite d-diretturi tagħha jekk jiġi ritenut illi hi kienet konsapevoli ta' dak li kellu jseħħ u li fil-fatt seħħ u allura kienet komparteċipi fl-att delittwuż. Kien ukoll azzjonabbli min effettivament iwettaq l-illeċitu li, fl-aħjar ipotezi għalih, seta' biss jiġi konsidrat bħala l-mandatarju li aġixxa fl-interess tal-mandant espress jew taċitu li użufruwixxa mill-att illeċitu li għalih l-istess mandatarju kellu jiġi wkoll tenut personalment responsabbli. L-azzjoni ta' spoll hija esperibbili kontra l-awtur tal-ispoll kif ukoll kontra l-kompliċi tiegħu fosthom il-mandanti li jkunu inkarigawh"* **(Volum XXXII.i.451; Volum XXVIII.i.188; Volum XLI.ii.849).**

"Ghalhekk, *stante* li Denise Azzopardi kienet kompartecipi ma' zewgha fl-att lamentat, dan l-argument tal-intimati ma jregix.

"**Ghaldaqstant tichad it-tielet eccezzjoni.**

"**<u>Eccezzjonijiet ta' Melita Limited:</u>**

"**L-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ta' Melita Limited.**

"Illi gie eccepit mis-socjeta` Melita Limited, li ma tistax tirribatti l-fatti, peress li ma kintix involuta u lanqas ghandha tiddahhal intortament bhala konvenut fi kwistjonijiet li jikkoncernaw zewg girien, billi ssofri l-ispejjez tal-kawza. It-tieni eccezzjoni hija konnessa mal-ewwel wahda, fejn gie sollevat li t-talbiet fir-rikors promotur huma indirizzati lejn l-intimati Mario u Denise Azzopardi, b'hekk Melita Limited ma ghandhiex x'taqsam mal-kwistjonijiet bejn il-girien in kwistjoni, u l-gudizzju hu integru minghajr il-presenza taghha fil-kawza.

"Illi huwa manifest li s-socjeta' intimata giet iccitata ghal skop ta' integrita' ta' gudizzju. Il-kaz odjern jikkoncerna tilwima bejn zewg girien. Illi s-socjeta` Melita tissemma biss fit-talbiet, b'referenza ghall-fatt, li biex jigi ripristinat kollox ghall-istat attwali, iridu jintervjenu haddiema ta' Melita Limited sabiex jagmlu x-xoghlijiet necessarji.

"Ghalhekk, din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess fit-tieni eccezzjoni, li l-gudizzju huwa integru minghajr il-presenza taghha f'dan il-kaz.

"Ghalhekk, ikkunsidrat li kif eccepit, Melita Limited ma kinitx involuta fit-tilwim ta' bejn il-kontendenti, kwindi m'ghandhiex x'taqsam mal-kwistjoni tal-allegat spoll, tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ta' Melita Limited.

“**It-tielet eccezzjoni ta’ Melita Limited: l-improponibilita` tal-azzjoni odjerna.**

“Illi gie eccepit li l-azzjoni odjerna hija improponibbli *stante* li erronjament irreferew ghaliha bhala “Melita Cable plc”

“Jibda biex jinghad, li fl-okkju tal-kawza, ir-referenza hija ghal Melita Limited u mhux Melita Cable plc.

“Il-fatt li fit-talbiet tar-rikors promotur, sar accenn ghal-Melita Cable plc. erronjament, evidentement, ma jwassalx ghall-improponibbilita` tal-azzjoni, peress li l-intendiment huwa car, li hija Melita Limited li dahlet fil-kaz ghal kull interess li jista’ jkollha.

“B’referenza ghal dak eccepit, li Melita Ltd mhijiex il-legittimu kontradittur, f’din l-azzjoni, rrizulta mill-fatti u mill-provi mressqa fl-atti tal-kaz, li gie ammess minn Mario Azzopardi l-intimat, li hu nehha u qata’ l-*wire*s in kwistjoni minn fuq il-bejt tieghu, u x-xhieda hi korroborata wkoll minn martu Denise Azzopardi. Difatti, anke fir-rapport tal-Perit nominat mill-Qorti, hemm indikat li mhuwiex fatt ikkontestat li l-*wire* in kwistjoni tnehha mill-intimat Mario Azzopardi. Fid-dawl ta’ din il-prova, u tenut kont li dan irid jigi kkunsidrat li din hi azzjoni ta’ spoll, azzjoni rapida u effikaci, mahsuba biex tigi reintegrata s-sitwazzjoni kif kienet, u cioe` l-*istatus qua ante*. Illi ladarba huwa stabbilit li l-*wire* tnehha mill-intimat Azzopardi, u mhux minn Melita Limited, f’azzjoni bhal din irid ikun hemm ir-rabta u n-ness necessarju bejn it-talbiet fir-rikors u min ikkometta l-allegat spoll, kwindi tilqa' din l-eccezzjoni.

“Ghalhekk, taqbel ma’ dak sottomess mis-socjeta` Melita, li s-socjeta` Melita mhijiex il-legittimu kontradittur f’din l-azzjoni. Konsegwentement Melita Ltd. qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

“Ghaldaqstant, tilqa’ limitatament it-tielet eccezzjoni, fis-sens li tiddikjara li Melita Limited mhijiex il-legittimu kontradittur, in segwitu qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

“**<u>Kunsiderazzjonijiet ta’ dritt:</u>**

“Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta’ spoll *ai termini* tal-**artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

“Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta’ gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-element vitali ta’ din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:

*“(i) Possedisse*

*“(ii) Spoliatum fuisse*

*“(iii) Infra bimestre deduxisse*

"Illi dawn il-principji gew ribaditi f'diversi sentenzi fosthom **"Margherita Fenech vs Pawlu Zammit"** (12-4-1958, Vol.XLII D.11.973); **"Caterina armla Galea vs Joseph Vella"** (23-6-1965 per Onor. Eduardo Magri) u f'**"Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef"** (30-4-1991 JSP).

"Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti jirrizulta li *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll……… stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna."* (**"Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone"** - A.C. 9 ta' Marzu 1992). F'dan l-istess kaz, intqal ukoll li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll mhux mehtieg xi *animus spoliandi*.

"Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi "*din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekkbiss, kif ighid bl-iktar mod car l-artikolu 791(1) Kap 12, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat."*

"Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u "de facto" tant li gie ritenut ukoll li:

"*hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto'; ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta` jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi, hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni."* (**"Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" –** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952); ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt; **"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna"** – (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borg vs George Borg"** – (25 ta' Frar 1983); u mhux wiehed ta' mera tolleranza **"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri" –** A.C. 26 ta' Jannar 1996). Jinsab ukoll ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li "*All attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione*." (**Camilleri vs Agius** P.A. 20 ta' Ottubru 1882).

"Illi fil-fatt, kull pussess, benche` ippruvat, huwa protett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri *in mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**"Saverio Farrugia vs Eugenio Borg"** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

"Hekk ad ezempju fil-kaz **"Delia vs Schembri"**, P.A. – 4 ta' Frar 1958, gie ritenut:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess ikun x'ikun….. u gie deciz kemm-il darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet reali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata jkun ghamel ghad-dannu ta' terza persuna atti li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qorti."* (Ara wkoll **"Francis Grogan et vs Shawn Scerri et"**, P.A. deciza fit-2 ta' Dicembru 2004).

"F'dan l-istess kaz, **Grogan et vs Scerri et,** inghad ukoll, li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll lanqas ma hu mehtieg li l-pussessur ikun privat mid-dgawdija tal-haga jew ostakolat b'mod determinant fl-uzu tal-haga; hu bizzejjed li jkun imfixkel fil-mod ta' kif igawdi dik il-haga. Issemma ad ezempju, l-istallazzjoni ta' *air condition unit* li jisporgi fuq sqaq komuni mertu fil-kaz **"Ripard et vs Fenech noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 li gie meqjus bhala att spoljattiv li kien jimmerita r-rimedju permezz ta' din l-azzjoni. Dan l-istess principju gie enuncjat fil-kaz **"Mag. Peter Cordina vs Raymond Aquilina,** Appell Kummercjali deciz 12 ta' Dicembru 1988:

> *""….sabiex tirnexxi l-azzjoni possessorja mhux mehtieg li l-attur ikun sofra privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet jew hsara lil min isofri l-ispoll.""*

"Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

> *""Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att.""*

"Sabiex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll mhux mehtieg li sabiex dan ikun vjolenti, ikun hemm *vis atrox* jew *vie di fatto* imma bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu ta' min isofri l-ispoll. Ghalhekk, l-att spoljattiv irid ikun sar kontra l-kunsens tal-possessur. (Ara **"John Mifsud vs John Giordmaina et"**, P.A. deciza fit-23 ta' April 2012).

"Fir-rigward tal-element ta' *'spoliatum fuisse',* gie ritenut ukoll li l-element spoljattiv mhux bilfors jissarraf f'ghemil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur, izda huwa bizzejjed li l-ghemil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih. (**Francis Tonna et vs Constantino Borg** P.A. - deciza fl-1 ta' April 2003).

"Hawnhekk, huwa relevanti l-kliem ta' **Pacifici Mazzoni**, spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrio che per forza private si compia contro la volontarieta` dello spogliato*." (Vol.III Sez. 52). "**Emanuel Falzon et vs Michael Vella et"**, P.A. deciz fl-10 ta' Ottubru 2011.

"**<u>Mera tolleranza vs Pussess:</u>**

"L-intimati eccipew fil-hames eccezzjoni taghhom li r-rikorrenti ma jgawdu l-ebda pussess jew detenzjoni ghal azzjoni ta' spoll, peress li l-*wire* in kwistjoni kien temporanju bil-permess tal-istess intimati, b'hekk kien hemmhekk biss b'mera tolleranza.

"**<u>Mera Tolleranza:</u>**

"Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, li min jippossjedi b'tolleranza ma jistax jipprocedi *ai termini* tal-Artikolu 535. Fil-fatt, numru ta' sentenzi rritenew li "*atti ta' mera tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess."* (Ara "**Antonio Pace vs Antonio Cilia**" - Prim Awla deciza fis-26 ta' Gunju 1965).

"Illi f'din is-sentenza citata "**Pace vs Cilia**" intqal:

> *""Dan il-principju jemani mid-dispozizzjoni tal-Artikolu 563 (illum 526) tal-Kodici Civili li jghid li 'l-atti li huma biss fakoltattivi jew li jithallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistghux jiswew ta' bazi ghall-ksib tal-pussess. Il-legislatur kien qieghed deliberatament jirreferi ghal kwalunkwe pussess u mhux ghal pussess legittimu, meta qal li l-attijiet ta' tolleranza ma joholqux pussess. Sir Adrian Dingli fin-notamenti tieghu ghall-artikolu in kwistjoni (allura numru 221 tal-Ordinanza VII tal-1868 kien osserva 'ho soppresso la parola 'legittimo' perche` secondo la mia definizione questi atti non danno luogo ad alcun possesso propriamente detto."*[7]"

"Dan l-istess insenjament jinsab rifless fil-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'**"Annetto Xuereb Montebello et vs Paolina Magri et"** deciz fid-19 ta' Gunju 1953, fejn gie ritenut:

> *""Ghalhekk, m'hemmx dubju ghall-Qorti li l-pussess li qed tivvanta s-socjeta` attrici, illi hija stess iddikjarat li taf li huwa wiehed ta' mera tolleranza meta akkwistat il-fond proprjeta` taghha, huwa wiehed li ma huwiex tutelabbli permezz ta' actio spolii"."*

"Hekk ukoll fil-kaz "**John Mary Schembri vs Dominic Borg"** Prim' Awla, deciza fis-16 ta' Jannar 2008, inghad:

> *""F'dan il-kuntest, ta' min jaghmel differenza bejn pussess u mera tolleranza stante li mera tolleranza ma tissodisfax l-ewwel rekwizit bhala l-element tal-ispoll.""*

"Inghad ukoll mil-**Laurent**: (*diritto civile*, Vol.XXXII, para.297) – *"colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo ritirare da un istante all' altro."*[8]

---

[7] Ara **"Victor Caruana vs Jonah Caruana et",** P.A., 897/10 (JA) deciza fl-10 ta' Lulju 2013
[8] Ara **"Raymond Gauci et vs Peter Vella et",** P.A. 856/2006 (AF) deciza fit-30 ta' April 2014 .

Kif gie ribadit fil-kaz **Caruana Maria vs Spiteri Benedict et**, deciza mill-Qorti tal-Appell inferjuri fl-24 ta' Marzu 2004, "*It-tolleranza ma tattribwixxi ebda dritt lill-parti wahda u ebda obbligu konsegwenti u korrispettiv lill-parti ohra u min qed igawdi minnha ma jkunx qed igawdi bi dritt, ghaliex in-natura taghha ma taqbilx mar-rabta legali li tnissel maghha n-necessita` tal-inadempjiment.*"

"U fil-kaz **"Carmelo Calleja et vs Godfrey Zammit et"** deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, (390/07/1) fil-1 ta' Frar 2014:

*"Hu ritenut li in vista tal-fatt li min jezercita poter ta' fatt fuq haga huwa l-prezunt possessur, jispetta lil min jikkontesta dan il-pussess li jipprova l-pussess hekk vantat jidderivi minn att ta' tolleranza. Dan ghaliex kif drabi ohra gie osservat mill-Qrati Taghna, "it-tolleranza ma ghandhiex tigi prezunta u ghandha ghalhekk tigi pruvata almenu prima facie."* (**Kollez. Vol. XXXVI p.i. p.292)** u "l-piz ta' din il-prova jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza." (**Kollez. Vol. XLIV p.ii.p.608.** (*Vide* wkoll **"Anthony Spiteri vs Lawrence Piscopo"**, Appell Civili (777/2003/1) deciz fit-2 ta' Marzu 2010.

"Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti, almenu *prima facie*, kellhom il-pussess tal-*wire* in kwistjoni. L-intimati qed jinvokaw it-tolleranza billi qed isostnu li dan il-*wire* kien temporanju u biss b'mera tolleranza. Madankollu, jirrizulta mill-kuntratt tal-akkwist tar-rikorrent, is-sid tal-mezzanin terran igawdi mid-dritt li jistalla servizzi fuq il-bejt tal-fond tal-intimati inkluz servizzi ta' telekomunikazzjoni. Difatti, dan ma giex kontradett lanqas mill-intimati fix-xhieda taghhom. Illi Denise Azzopardi ikkonfermat fl-affidavit taghha, li l-inkwiet bejn il-partijiet skala meta kienet sabet *technicians* tal-Melita fit-terrazin taghha biex jaccedu ghall-bejt ovvjament, sabiex jaghmlu manutenzjoni fuq il-*wire* in kwistjoni li kien ghaddej minn fuq l-opramorta tal-bejt tal-intimati, li kien jaghti servizz lir-rikorrenti. Dan l-istess fatt gie kkonfermat ukoll, mill-intimat, fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, li meta mistoqsi jekk ir-rikorrent qattx tela' fuq il-bejt permezz tas-sellun, qal li r-rikorrent le, izda l-haddiema tal-Melita iva. Dan kollu jixhed ghall-fatt li r-rikorrenti kellhom il-pussess tal-*wire* li kien ghaddej minn fuq il-bejt taghhom u li dan ma kienx b'semplici tolleranza.

"Mir-rizultanzi fattwali il-qorti hija soddisfatta li gie ppruvat li r-rikorrenti kellhom il-pussess necessarju kif rikjest ghal din l-azzjoni. Kien jinkombi fuq l-intimati li jippruvaw pussess b'mera tolleranza, izda ma jirrizultax li saret l-ebda prova mill-intimati fir-rigward ta' dan.

"L-intimati qed jikkontendu li l-*wire* inqata' peress li ma kienx imqabbad mal-faccata u lanqas mal-*mainbox* tal-Melita. Illi gie sostnut ukoll, mill-istess intimati li s-servizz kien inqata' mir-rikorrenti. Dr. Stephanie Zarb ikkonfermat fix-xhieda taghha li s-servizz tar-rikorrenti, qatt ma kien inqata', u li dakinhar tat-12 ta' Gunju 2016, meta r-rikorrenti kienu cemplu l-'customer care' tal-Melita sabiex jilmentaw li ma kellhomx servizz, kienu talbu ghal "rerouting" tas-sistema. Din ix-xhieda

tikkorrobora t-tezi tar-rikorrenti li s-servizz kien ghaddej meta inqata' l-*wire.*Tant hu hekk, li r-rikorrenti kienu cemplu dakinhar stess, biex jilmentaw li ma kellhomx servizz.

"**Konsegwentement, tichad is-sitt u s-seba' eccezzjonijiet tal-intimati Azzopardi.**

"Ghaldaqstant, mill-fatti u mic-cirkostanzi, li johorgu mix-xhieda, juru li r-rikorrenti kienu qed jiddetjenu u kellhom il-pussess kif trid il-ligi ghall-*actio spolii*. Konsegwentement jirrizulta ppruvat l-ewwel element rikjest ghal din l-azzjoni. Min-naha l-ohra l-hames eccezzjoni sollevata mill-intimata ma tirrizultax ippruvata.

"Ghal dak li jirrigwarda l-att spoljattiv, jirrizulta mill-provi li l-intimat qata' l-cable *wire* tal-Melita li kien ghaddej minn fuq il-bejt tieghu. Dan jinsab ikkonfermat ukoll, fir-rapport tal-Perit Alan Saliba, minn dak indikat lilu mill-istess intimat. Illi dan certament sar minghajr il-kunsens tar-rikorrenti, tant li huma ma kienux a konoxxenza li nqata' l-*wire* minn fuq il-bejt sakemm jumejn wara t-12 ta' Gunju 2016, Natasha Azzopardi kienet sabet il-*wire* imkebbeb fil-bitha u fix-*shaft* taghhom. *In vista* tas-suespost, jirrizulta li l-ewwel zewg elementi, it-tehid tal-pussess u tal-att spoljattiv gew ippruvati.

"**Ghalhekk, tichad it-tmien eccezzjoni tal-intimati Azzopardi.**

"<u>**It-Terminu ta' xahrejn**</u>

"Illi l-kaz odjern gie istitwit fid-19 ta' Lulju 2016. Jirrizulta li biex jissusisti dan l-element, it-terminu jibda jiddekorri minn meta gie spoljat l-attur. Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija konkordi fuq dan il-punt, li t-terminu ma jibdiex jiddekorri mid-*die scientiae* imma mid-data meta l-attur ikun gie fizikament spoljat mill-pussess tieghu. (Ara **"Av. Dr. Frank Xavier Vassallo et vs Joseph Baldacchino et"** Appell Civili deciz fl-4 ta' Dicembru 1998). Ukoll, fil-kaz **"Michael Mamo vs Philip Grima"** P.A. deciza fis-7 ta' Frar 1958, **XLII-II-915** intqal:

*"Iz-zmien tal-azzjoni jibda mill-gurnata tal-ispoll, u mhux mindu l-attur gie jaf bih…..iz-zmien ta' xahrejn huwa terminu ta' dekadenza."* (Ara **Sammut vs Pellegrini Petit XXIV-I-276**).

"F'dan il-kuntest, relevanti wkoll il-kaz, **"Michael Angelo Fenech nomine vs Alfred Camilleri"** P.A. deciza fit-22 ta' Frar 1992 fejn gie ritenut:

*"It-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement ippruvat mill-attur.* (Ara wkoll **"Dr. Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa`",** Qorti tal-Appell- 26 ta' Mejju 1998; "**FCA Co. Ltd. et vs Tan-Nikcar Construction Ltd. et"** (1182/2005 FS) P.A. deciza fit-13 ta' Gunju 2013; **"John Bondin et vs Joseph Farrugia et",** Qorti

tal-Appell - 27/2/2015, u **Trevor Arendts vs Veronique Mizzi" -** Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 2013. Fil-kaz "**Alfred P. Farrugia noe et vs Peter Paul Cutajar nomine"** (PA - NC – 13 ta' Frar 1994) il-Qorti rriteniet li rigward l-element tal-*infra bimestre deduxisse*, l-oneru tal-prova kien jispetta lill-istess attur gjaladarba ma gietx sollevata eccezzjoni f'dan ir-rigward.

"Fil-kaz in ezami, gie sollevat fir-raba' eccezzoni li r-rikorrenti ghandhom jippruvaw li x-xahrejn rikjesti ghall-fini ta' din l-azzjoni ma kienux ghaddew sad-data tal-prezentata ta' dan il-kaz. Minn qari tal-eccezzjoni sollevata, ma jirrizultax li l-intimati qed jikkontestaw il-fatt tat-terminu li m'ghaddiex izda semplicement qed jikkontendu li jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw li l-azzjoni giet intavolata *entro* t-terminu stabbilit mil-Ligi.

"Jirrizulta li Leonard Azzopardi u Natasha Azzopardi kemm fir-rikors promotur, kif ukoll fl-affidavit taghhom sostnew li l-*wire* u s-servizz tal-Melita kien inqata' dakinhar tat-12 ta' Gunju, meta l-intimati kienu qed jaghmlu xoghol ta' zebgha. Matul l-access li nzamm mill-Perit Tekniku, rrizulta li l-intimat indika li meta kien qed jizbogh dakinhar tat-12 ta' Gunju, hu nehha l-*wire*s minn fuq l-opramorta tal-bejt tieghu, peress li ra l-*wire* maqtugh minn mal-faccata, u li in segwitu dawn il-*wire*s twaddbu fil-bitha u fix-*shaft* tar-rikorrenti. Difatti, il-Perit ra dawn il-*wire*s fix-*shaft*, u fil-bitha tar-rikorrenti u ta d-dettalji taghhom. Ghalhekk, m'hemmx kontestazzjoni dwar id-data, li nqatghu l-*wire*s dakinhar tat-12 ta' Gunju, tkebbu gew mitfugha gox-*shaft* u gol-bitha tar-rikorrenti.

"Jirrizulta ghalhekk li r-rikorrenti agixxew tempestivament b'din il-kawza.

"Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li jikkonkorru t-tlett elementi kostituttivi ta' din l-azzjoni li timmerita li tigi akkolta.

"**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzonijiet ta' Melita Limited u kwindi tillibera lill-istess intimata Melita Limited mill-osservanza tal-gudizzju, tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimati konjugi Azzopardi ghar-ragunijet spjegati, tichad l-eccezzjonijiet rimanenti u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

"1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-intimati kkommettew spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti.

"2. Tilqa' t-tieni talba u tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien perentorju ta' ghoxrin (20) mil-lum, jergghu jirripristinaw kollox ghall-istat attwali tieghu, billi jsewwu l-*wire* jew jirripristinawh, billi jitqabbdu l-haddiema tal-Melita Limited a spejjez tal-intimati, sabiex ir-rikorrenti

jergghu ikollhom is-servizz tal-*cable* li kellhom qabel ma gie maqtugh dan il-*wire*, billi jitqieghed il-*wire* fl-istess post, fejn kien gie maqtugh.

"3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna li f'kaz li l-intimati ma jaghmlux dan fiz-zmien lilhom moghti mill-Qorti, tawtorizza lir-rikorrenti li jaghmlu x-xoghlijiet necessarji huma bis-servizz tal-haddiema ta' Melita Limited, u dan a spejjez tal-intimati.

"Billi l-*wires* jigu mqabbda mill-Melita Limited, li tipprovdi hi s-servizz, din il-Qorti mhix tal-fehma li ghandu jitqabbad Perit billi huwa bizzejjed li x-xoghol isir mill-istess Melita Limited a spejjez tal-intimati.

"**L-ispejjez gudizzjarji jithallsu wkoll mill-intimati**."

<u>Rikors tal-appell tal-konvenuti (19.02.2019):</u>

3. Il-konvenuti konjuġi Azzopardi ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti tnejn:

(i) **<u>Kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, il-*wire* in kwistjoni kien qiegħed fuq il-bejt tagħhom b'mera tolleranza:</u>**

Huma jargumentaw illi l-atturi ma kienu jgawdu l-ebda pussess jew detenzjoni tal-*wire* iżda jsostnu li dan kien fuq il-bejt tagħhom <u>b'mera tolleranza</u>. Jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti qieset li skont il-kuntratt tal-akkwist tal-mezzanin tal-atturi, l-istess atturi kellhom id-dritt li jinstallaw servizzi (inkluż servizzi ta' telekomunikazzjoni) fuq il-bejt tal-konvenuti. Jaċċennaw għall-fatt illi l-kuntratt jagħti biss id-dritt lis-sid tal-mezzanin li jagħmel <u>tank tal-ilma u *satellite dish*</u> fuq il-bejt tal-fond tagħhom (tal-

konvenuti) u jargumentaw illi għalhekk id-dritt għal servizz ta' komunikazzjoni huwa wieħed limitat biss għal "*satellite dish*" u ma jinkludix l-installazzjoni ta' telekomunikazzjoni oħra. Isostnu għalhekk li l-*wire* tal-Melita kien hemm b'mera tolleranza.

(ii) **<u>Kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, m'hemmx prova illi meta nqata' l-*wire* l-atturi kien għad kellhom is-servizz:</u>**

Inoltre jsostnu li huma qatgħu l-*wire* in kwistjoni propju għaliex kien "*redundant"* u bla użu. Jenfasizzaw li ma kienx imqabbad mal-faċċata u lanqas mal-*mainbox* tal-Melita.

<u>Risposta tal-atturi appellati għall-appell tal-konvenuti (18.03.2019):</u>

4. L-atturi wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u li l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud. Fir-rigward tal-aggravji tal-konvenuti appellanti jirrispondu hekk:

**(i) <u>Dwar l-allegazzjoni li l-*wire* kien fuq il-bejt tal-konvenuti b'mera tolleranza:</u>**

L-atturi appellati jilmentaw illi l-konvenuti qegħdin jagħtu interpretazzjoni wisq restrittiva tal-kuntratt għal dawk li jirrigwarda dak li għandhom dritt

jagħmlu fuq il-bejt tal-konvenuti. Jargumentaw li ladarba l-kuntratt jippermetti "*satellite dish"* dan għandu jitqies bħala jippermetti servizz ta' telekomunikazzjoni in ġenerali, u li l-installazzjoni ta' "*satellite dish*" għandu jitqies bħala "*interchangeable*" ma' installazzjoni ta' servizz ta' "*cable television".* Iżidu jgħidu li t-tnejn jinvolvu "*wiring*", u jekk xejn l-instalazzjoni ta' "*satellite dish*" hija iktar oneruża għaliex tinvolvi d-*"dish*" kif ukoll il-"*wiring*" u mhux il-"*wiring"* biss bħal fil-każ tal-*"cable television".*

**(ii) Dwar l-allegazzjoni li meta l-atturi qatgħu l-*wire*, dan kien "redundant":**

Dwar l-argument tal-konvenuti li l-*wire* li qalgħu kien "*redundant*", l-atturi jsostnu li dan assolutament mhux minnu u jsostnu li l-atturi qed jittentaw joħolqu konfużjoni dwar is-sekwenza ta' fatti. Jippreċiżaw illi l-atturi kienu qatgħu l-*wire* fit-12 ta' Ġunju 2016 u ramewh għal isfel fil-15 ta' Ġunju 2016; fil-frattemp, u cioe` fit-13 ta' Ġunju 2016 huma kienu għamlu *re-routing* temporanju tas-servizz da parti ta' Marco Balzan, tekniku tal-Melita, sabiex ma jibqgħux bla servizz. Jenfasizzaw illi l-att spoljattiv in kwistjoni jikkonsisti fil-qtugħ tal-*wire* u mhux fir-rimi tiegħu għal isfel (cioe` għall-bitħa u *shaft* tagħhom).

Sfond:

5. Wara l-mewt ta' missierhom fl-1996, it-tliet aħwa Leonard Azzopardi (l-attur), Mario Azzopardi (il-konvenut) Frances Grech nee Azzopardi wirtu kull wieħed sehem ta' terz (⅓) indiviż minn proprjeta` li tinsab fi Triq San Ġużepp, Kirkop.

6. Fid-29 ta' Jannar 2002 sar kuntratt ta' diviżjoni u bejgħ bejniethom, li permezz tiegħu, il-fond illum 12, *Leonat*, Triq San Ġużepp, Kirkop (dak iż-żmien biss arja) ġie proprjeta` tal-attur Leonard Azzopardi (li fih joqgħod ma' martu l-attriċi Natasha) u l-fond sovrastanti, illum 6, *God Bless,* Triq San Ġużepp, Kirkop, (dak iż-żmien biss arja) ġie proprjeta` tal-konvenut Mario Azzopardi (li fih joqgħod ma' martu l-konvenuta Denise). L-imsemmi kuntratt jistipula li:

> *"Il-proprjeta` diviża hi soġġetta u tgawdi drittijiet naxxenti mill-pożizzjoni tagħhom, bid-dranaġġ komuni, servitu` ta' aperturi u twieqi, u l-bejt ikun soġġett għat-tank tal-ilma u satellite dish a favur il-proprjeta` sottopost(a) u cioe` il-maisonette, bid-dritt ta' aċċess għall-istess servizzi għal skopijiet ta' formazzjoni, manutenzjoni, u riparazzjoni…."*

7. Eventwalment l-imsemmija żewġ fondi nbnew, u fl-2010 l-atturi abbonaw ruħhom mal-Melita. Stephanie Zarb, rappreżentanta tal-Melita, fix-xiehda tagħha tas-6 ta' Frar 2018 xehdet li "*Ilhom abbonati minn 2010.*" Biex kellhom is-servizz tal-Melita kien ġie installat *wire* fuq l-opramorta tal-bejt tal-fond tal-konvenut Mario Azzopardi.

8. Sussegwentement kien inqala' xi diżgwid bejn il-kontendenti tant li ma kinux baqgħu jitkellmu.

Provi dwar il-vertenza odjerna:

(a) *Verżjoni tal-atturi:*

9. Skont l-atturi fit-12 ta' Ġunju 2016 il-konvenut kien qed jiżbogħ it-terazzin u l-*washroom* bir-*roller* u kien qed itajjar iż-żebgħa għall-bitħa tagħhom. Bagħtu messaġġ (*sms*) lill-konvenuta Denise Azzopardi fejn qalulha biex ma jibqgħux itajjru żebgħa għal għandhom, u din irrispondiet billi ċaħdet li kienu qed iwaqqgħu żebgħa. It-taqtir taż-żebgħa kompla u għalhekk l-attriċi marret l-għassa. L-attriċi talbet lill-ispettur ikellem lill-konvenuti bit-telefown sabiex tevita li tagħmel rapport formali, u fil-fatt hekk sar. Meta marret lura d-dar osservat li t-*television* beda juri messaġġ ta' "*bad signal*" u indunat li kemm is-servizz tat-*television,* kif ukoll tat-*telephone* u tal-*internet* kienu maqtugħa. Ċemplu lill-Melita biex jassiguraw ruħhom kinitx kwistjoni ta' ħsara teknika jew ta' "vendikazzjoni" da parti tal-konvenuti, u irriżulta li ma kien hemm l-ebda ħsara min-naħa tal-Melita. Minħabba r-relazzjonijiet ħżiena ta' bejn il-kontendenti, l-atturi talbu li jsir *re-routing* tas-servizz. Ċertu Marco Balzan, *technician* mal-Melita, fil-fatt għamlilhom *re-routing* tas-servizz mingħajr ma tela' fuq il-bejt, kif ikkonfermat minnu stess, l-għada 13 ta'

Ġunju 2016[9].

(b) *<u>Verżjoni tal-konvenuti:</u>*

10. Il-konvenuti da parti tagħhom ikkonfermaw li fit-12 ta' Ġunju 2016 kienu irċevew messaġġ (*sms)* mingħand l-atturi dwar it-titjir taż-żebgħa (fatt li jiċħdu) u li kienu anke rċevew telefonata mill-għassa fir-rigward. Huma ċaħdu li qatgħu *wires* tal-Melita tal-atturi li kienu għadhom konnessi. Il-konvenuta Denise Azzopardi (li fil-fatt taħdem mal-Melita) spjegat li fl-14 ta' Ġunju 2016 hi u żewġha kienu telgħu fuq il-bejt:

> *"…u nnutajna li l-wire tal-Melita li kien iservi lill-atturi għas-servizz fir-residenza tagħhom li tiġi taħt ir-residenza tagħha kien maqtugħ minn mat-tapbox tal-faċċata u cioe` l-kaxxa li minnha joħorġu l-fergħat tas-servizz tal-Melita.*
>
> *"Ngħid li billi l-wire kien qiegħed skonnettjat u billi kien qiegħed żejjed fuq il-bejt tagħna aħna ddeċidejna li nneħħuh mill-clips u tfajnih għand l-atturi billi ma kellniex bżonnu fuq il-bejt tagħna la ma kien imqabbad ma mkien.*
>
> *"…*
>
> *"Ngħid li skont il-kuntratt tagħna l-bejt li huwa proprjeta` tagħna, l-attur għandhom dritt jinstallaw tant tal-ilma u satellite dish u ngħid li għalhekk is-servizz tal-Melita kien għaddej mill-proprjeta` tagħna bi buona volonta` tagħna."*

<u>Rapport tal-perit tekniku Alan Saliba:</u>

[9] Fil-fatt fuq **Dok SZ1**, dokument maħruġ mill-Melita, u kkonfermat minn Stephanie Zarb, rappreżentanta tal-Melita, hemm indikat li fit-13 ta' Ġunju 2016 it-*technician* Marco Balzan għamel xogħol ta' *"re-route"*

11. Il-perit tekniku Alan Saliba ġie nominat mill-qorti biex jikkonsidra l-aspetti fattwali u tekniċi tal-każ. Wara li aċċeda fuq il-post, ra l-atti u d-dokumenti esebiti u għamel il-konstatazzjonijiet tekniċi tiegħu bażikament ikkonkluda li:

- fit-12 ta' Ġunju 2016, l-atturi nqatagħlhom is-servizz tal-Melita;

- fil-15 ta' Ġunju 2016 il-*wires* li kienu jagħtu s-servizz tal-Melita minn fuq l-opramorta tal-bejt tal-konvenut u li f'tali data kienu diġa maqtugħa, ġew mitfugħa għal isfel, fil-bitħa u x-shaft tal-atturi;

- fil-preżent l-atturi għandhom is-servizz tal-Melita għaddej minn ġewwa l-mezzanin tagħhom.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

*(a) Tolleranza jew pussess?*

12. Fil-ħames paragrafu tar-risposta ġuramentata tagħhom il-konvenuti eċċipew li l-*wire* in kwistjoni kien jinsab fuq il-bejt tagħhom b'mod temporanju u bil-permess tagħhom u "*għalhekk kien jinsab hemm biss b'mera tolleranza.*" Ovvjament, kif inhu risaput, pussess derivanti minn konċessjoni b'tolleranza tas-sid mhux ġuridikament reintegrabbli,

mhux pussess tutelabbli f'azzjoni ta' spoll. (L-ewwel Qorti kkwotat ġurisprudenza estensivament f'dan ir-rigward).

13. L-ewwel Qorti, wara li qieset il-kuntratt tal-2002 fuq imsemmi, irriteniet li s-sid tal-mezzanin (residenza tal-atturi) igawdi mid-dritt li jinstalla servizzi fuq il-bejt tal-fond sovrastanti (residenza tal-konvenuti) inkluż servizzi ta' telekomunikazzjoni; konsegwentement ikkonkludiet li dan jindika li l-atturi kellhom il-pussess tal-*wire* li kien għaddej fuq il-bejt tal-konvenuti, u li dan ma kienx hemm b'sempliċi tolleranza.

14. Il-konvenuti appellanti jargumentaw illi l-kuntratt ma jippermettix lis-sid tal-mezzanin (residenza tal-atturi) li jagħmel kwalsiasi installazzjoni ta' servizz ta' telekomunikazzjoni fuq il-bejt tal-fond sovrastanti (residenza tagħhom) iżda jippermetti biss l-installazzjoni ta' tank tal-ilma u ta' *"satellite dish*". Għalhekk skont huma l-kuntratt ma jagħti l-ebda dritt biex isir "*wiring*" għall-installazzjoni ta' "*cable television*", u l-"*wiring*" li fil-fatt kien sar, kien sar bit-tolleranza tagħhom.

15. Din hija interpretazzjoni tant restrittiva li saħansitra taqa' fl-assurd. Kif tajjeb jargumentaw l-atturi appellati, ladarba l-kuntratt jippermetti l-installazzjoni *"satellite dish*", dan neċessarjament jinkludi l-"*wiring*" relattiv. Issa fil-każ ta' "*cable television*" dan jinvolvi biss "*wiring*". Jekk il-kuntratt jagħtihom id-dritt li jagħmlu "*satellite dish*" u allura wkoll il-

"*wiring*" relattiv, ċertament li jagħtihom id-dritt li jagħmlu "*wiring*" biss għall-finijiet tal-"*cable television*". Wara kollox "*il piu` comprende il meno*". *Se mai* bil-fatt li l-atturi għażlu li jkollhom *"cable television*" flok "*satellite dish*" (it-tnejn mezzi ta' telekomunikazzjoni) ġie li għamlu inqas minn dak li l-kuntratt jagħtihom id-dritt li jagħmlu.

16. Fi kwalunkwe każ, anke kieku għall-grazzja tal-argument (u għall-grazzja tal-argument biss) kellu jitqies li l-"*wiring*" relattiv għall-installazzjoni ta' "*cable television*" ma jinkwadrax fit-termini tal-kuntratt, dan il-fatt fih innifsu ma jfissirx li l-eżistenza tal-*wire* (li nqala' mill-konvenuti wara li kien ilu hemm għal numru ta' snin) kien hemm b'tolleranza u mhux b'pussess. Għalkemm l-ispeċifikazzjoni ta' dritt ta' ħaġa f'kuntratt teskludi li tali ħaġa qiegħda teżisti jew qiegħda tiġi eżerċitata bil-mera tolleranza, in-nuqqas ta' speċifikazzjoni ta' dritt ta' ħaġa f'kuntratt ma jfissirx awtomatikament li l-eżistenza/eżerċizzju tagħha kien qed jiġi pprattikat bit-tolleranza. It-tolleranza trid tiġi pprovata minn min jallegaha – u l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova f'dan is-sens.

17. F'dan ir-rigward issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Carmelo Calleja et v. Godfrey Zammit et** deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Frar 2014[10], fejn ġie spjegat li:

*"Huwa ritenut li in vista tal-fatt li min jeżerċita poter ta' fatt fuq il-ħaġa*

[10] Fil-fatt l-ewwel qorti stess iċċitat minn dan il-każ (għalkemm erronjament indikat id-data tas-sentenza bħala l-1 ta' Frar 2014 minflok il-11 ta' Frar 2014)

*huwa l-preżunt pussessur, jispetta lil min jikkontesta dan il-pussess li jipprova li l-pussess hekk vantat jidderivi minn att ta' tolleranza. Dan għaliex kif drabi oħra ġie osservat mill-Qrati tagħna, "it-tolleranza ma għandhiex tiġi preżunta u għandha għalhekk tiġi pruvata almenu prima facie" (Kollez Vol XXXVI p.I, p.292) u "l-piż ta' din il-prova jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza" (Kollez Vol XLIV p.II, p.608)."*

18. Għalhekk taraha minn liema lenti taraha, xorta jsegwi li l-atturi kellhom il-pussess.

*(b) <u>Min qata' l-wire?</u>*

19. Fis-sitt paragrafu tar-risposta ġuramentata tagħhom il-konvenuti eċċipew li kienu l-atturi stess li tterminaw l-użu tal-*wire* in kwistjoni meta installaw *wire* ġdid li jgħaddi direttament fil-fond residenza tagħhom.

20. L-ewwel Qorti irriżultalha li din l-eċċezzjoni tagħhom kienet kompletament infondata. Ikkonsidrat ix-xhieda ta' Stephanie Zarb (rappreżentanta tal-Melita) fejn qalet li s-servizz ma kienx inqata' u li dakinhar tat-12 ta' Ġunju 2016 l-atturi adirittura ċemplu l-*customer care* biex jilmentaw li ma kellhomx servizz, u li sussegwentement talbu *re-routing* tas-sistema.

21. Huwa tassew żbalordittiv, kif rinfaċċjati b'provi tant skjaċċanti kontrihom il-konvenuti jibqgħu jsostnu l-verżjoni tagħhom u addirittura jilmentaw u jgħidu li jħossuhom aggravati bil-konklużjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward. Kif jenfasizzaw l-atturi appellati, huwa wisq evidenti li l-

konvenuti appellanti fl-appell tagħhom qegħdin jippruvaw joħolqu konfużjoni dwar il-fatti. Jirriżulta ben pruvat li r-*re-routing* li fit-13 ta' Ġunju 2016 kellhom jagħmlu l-atturi effettivament sar bħala konsegwenza tal-fatt li nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju 2016 kienu spiċċaw bla servizz tal-Melita konsegwenza ta' aġir spoljattiv da parti tal-konvenuti. It-*technician* Marco Balzan li kien dak li għamel ir-*re-routing* fit-13 ta' Ġunju 2016 fil-fatt xehed li l-attur "*qalli li ma kellux servizz*" u r-rappreżentanta Stephanie Zarb (li semgħet ir-*recording* tat-telefonata li l-attriċi Natasha Azzopardi kienet għamlet lill-Melita dakinhar tat-12 ta' Ġunju 2016) ikkonfermat li l-istess attriċi kienet ċemplet biex tilmenta "*li ma għandhomx servizz*". Dan kollu jikkonferma li l-atturi kienu spiċċaw ħabta u sabta mingħajr konnessjoni fit-12 ta' Ġunju 2016 riżultat tal-aġir spoljattiv tal-konvenuti (proprju ftit ħin wara l-inċident tat-titjir taż-żebgħa fejn l-attriċi spiċċat marret tilmenta l-għassa). Kien konsegwenza tal-qtugħ tas-servizz li l-atturi kellhom jagħmlu *re-routing*, cioe` jgħaddu *wire* ġdid li minflok minn fuq il-bejt tal-konvenuti jgħaddi direttament għall-fond tar-residenza tagħhom. Il-*wire* oriġinali tagħhom kien ġie "*redundant*" propju bl-aġir tal-konvenuti appellanti; u r-*re-routing* da parti tal-atturi sar minħabba li l-*wire* oriġinali kien ġie "*redundant*", mhux vice-versa.

**Decide**

22. Ladarba l-aggravji tal-konvenuti jirriżultaw kompletament infondati,

din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tagħhom u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto.*

23. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm